RABAT

**MINUTI tal-Laqgħa A 26**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin | |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin | |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru | 6.30 pm |
| Is-Sur George Attard | Membru | |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv | |

**Skużata:**

Is-Sra Joan Ann Farrugia Galea — Membru

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A24**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A24 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. — Qari u approvazzjoni tal-Minuti A24

**2.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A25**

2.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A24 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. — Qari u approvazzjoni tal-Minuti A25

**3.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A24**

3.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A24

**4.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A25**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A25



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**5.00** **Punti li joħorġu mill-Minuti A24** — Punti li joħorġu mill-Minuti A24

5.01 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li l-kuntrattur intgħażel u x-xogħol fuq il-*playingfield* kien ser jibda fil-jiem li ġejjin. — 'Playing field'

5.02 3.03 Is-Sur Paul Grech reġa' informa 'l laqgħa li dan ix-xogħol għadu ma sarx peress li l-kuntrattur huwa maqbud b'xogħol ieħor. — 'Patching' f'Bieb ir-Ruwa

5.03 5.02 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li l-istimi kienu għadhom ma ħarġux mingħand il-perit. Huwa kompla billi qal li kienu għaddejjin diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex Triq il-Mantell jagħmluha huma. — Asfaltar tas-Sirena, Ġnien in-Nigra, Triq il-Mantell u Bieb ir-Ruwa

5.04 5.03 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li x-xogħol fl-Għemieri tlesta; fil-Wied tal-Marġa kien ser isir fil-jiem li ġejjien; filwaqt li f'Wied Rini jidher li hemm problema li trid tissolva qabel ma jingħata l-konkos. — Xogħol ta' konkos fi Triq il-Wied tal-Marġa, Wied Rini u l-Għemieri

**6.00** **Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l laqgħa li ngabru żewġ kwotazzjonijiet sabiex naraw kemm tiġi tiswa bejn wieħed u ieħor l-ispiża jekk kemm-il darba nibdew noffru s-servizz tal-knis ġewwa l-Baħrija. L-ispiża għall-knis darba fil-ġimgħa tiġi tiswa €3500 fis-sena bil-VAT inkluż; filwaqt li jekk il-knis isir darbtejn fil-ġimgħa, l-ispiża titla' għal €4300 fis-sena bil-VAT inkluż.
Il-Kumitat qabel li għandna noħorġu kwotazzjoni għall-knis darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Tnejn. — Kwotazzjoni tal-knis

**7.00** **Kommunikazzjoni mill-membri**

7.01 Is-Sur Paul Galea talab li jsir il-*patching* f'waħda mis-*side streets* f'Tas-Sirena. Il-Kumitat qabel. — *Patching* f'Tas-Sirena

7.02 Is-Sur Paul Galea rrimarka li hemm gandott mal-*bus shelter* fi Triq is-Sajf ta' San Martin li għandu bżonn li jiġi livellat bit-*tarmac*. — Gandott fi Triq is-Sajf ta' San Martin

** Is-Sur Anġlu Portelli daħal għal-laqgħa fis-6.30 pm.

7.03 Is-Sur George Attard irrimarka li hemm arbli antiki ta' Żmien l-Ingliżi u li m'għadx hemm użu tagħhom f'Wied Rini. Il-Kumitat qabel li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-MEPA dwarhom. — Arbli antiki f'Wied Rini

7.04 Is-Sur George Attard talab li fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima jsiru *double yellow lines*. *Double Yellow* Lines fi Triq il-Lewż

7.05 Is-Sur George Attard talab li l-bankina fi Triq il-Lewż tiġi rranġata peress li nqalgħet kollha bil-ħaxix ħażin. Il-Kumitat qabel li din għandha titranġa. Tranġar ta' bankina fi Triq il-Lewż

**8.00 Aġġornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 fis-6.00 p.m. Aġġornament

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Grech** | **Orietta Masini Cardona** |
| **Ċerpersin** | **Segretarju Eżekuttiv** |